Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

5 ta’ Settembru 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikolu 20 TFUE – Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ċittadinanza ta’ Stat Membru u ta’ Stat terz – Telf *ipso jure* taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru fl-età ta’ 22 sena minħabba nuqqas ta’ rabta effettiva fl-assenza ta’ talba għaż-żamma qabel dik id-data – Telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni – Eżami tal-prinċipju ta’ proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni– Terminu ta’ dekadenza”

Fil-Kawża C-689/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka), permezz ta’ deċiżjoni tal-11 ta’ Ottubru 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta’ Novembru 2021, fil-proċedura

**X**

vs

**Udlændinge- og Integrationsministeriet,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Prechal, C. Lycourgos (Relatur), E. Regan, P. G. Xuereb, L. S. Rossi, D. Gratsias u M. L. Arastey Sahún, Presidenti ta’ Awla, S. Rodin, F. Biltgen, N. Piçarra, N. Wahl, I. Ziemele u J. Passer, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2022,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal X, minn E.O.R. Khawaja, avukat

– għall-Gvern Daniż, minn V. Pasternak Jørgensen u M. Søndahl Wolff, bħala aġenti, assistiti minn R. Holdgaard u A. K. Rasmussen, avukati,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

– għall-Gvern Franċiż, minn A. Daniel, u A.-L. Desjonquères u J. Illouz, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Grønfeldt u E. Montaguti, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE u tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn X u l-Udlændinge- og Integrationsministeriet (il-Ministeru għall-Immigrazzjoni u għall-Integrazzjoni, id-Danimarka) (iktar 'il quddiem il-"Ministeru") dwar it-telf taċ-ċittadinanza Daniża ta' X.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 20 TFUE jipprovdi:

"1. Qed tiġi stabbilita ċ-Ċittadinanza ta' l-Unjoni [Ewropea]. Kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru hija ċittadina ta' l-Unjoni. Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni għandha tiżdied maċ-ċittadinanza nazzjonali u ma tissostitwixxihiex.

2. Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom igawdu d-drittijiet u jintrabtu bid-dmirijiet previsti fit-Trattati. Huma għandhom, fost l-oħrajn:

a) id-dritt ta' moviment liberu u d-dritt ta' residenza libera fit-territorju ta' l-Istati Membri;

[…]."

4 Skont l-Artikolu 7 tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-komunikazzjonijiet tagħha.

5 Id-dikjarazzjoni Nru 2, dwar iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, mehmuża mill-Istati Membri mal-Att Finali tat-Trattat Dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU 1992, C 191, p. 98, iktar 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni Nru 2"), hija fformulata kif ġej:

"Il-Konferenza tiddikjara illi, kull fejn fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea hemm riferiment għal persuni li jkollhom iċ-ċittadinanza tal-Istati Membri, il-kwistjoni jekk individwu jkollux iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jew le, trid tiġi risolta biss permezz ta' riferiment għal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. […]"[traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 Skont it-Taqsima A ta' deċiżjoni meħuda mill-kapijiet tal-Istat u tal-Gvernijiet li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill Ewropew ta' Edinburgh fil-11 u fit-12 ta' Diċembru 1992, dwar ċerti kwistjonijiet imqajma mid-Danimarka dwar it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU 1992, C 348, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' Edinburgh"):

"Id-dispożizzjonijiet tat-tieni parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fir-rigward taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jagħti liċ-ċittadini tal-Istati Membri drittijiet u protezzjonijiet addizzjonali, kif stabbilit minn din il-parti. Huma ma jissostitwixxu bl-ebda mod iċ-ċittadinanza nazzjonali. Il-kwistjoni dwar jekk l-persuna għandhiex jew le ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru għandha tiġi deċiża biss b'riferiment għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

### *Id-dritt Daniż*

7 6. L-Artikolu 8(1) tal-Lov om dansk indfødsret, (il-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza Daniża) fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar iċ-Ċittadinanza"), jipprevedi:

"Persuna mwielda fl-esteru, li qatt ma rrisjediet fit-territorju nazzjonali u lanqas qagħdet fih f'ċirkustanzi li juru rabta mad-Danimarka, titlef iċ-ċittadinanza tagħha fl-età ta' 22 sena, sakemm ma ssirx apolida. Madankollu, il-Ministru għar-Refuġjati, għall-Immigranti u għall-Integrazzjoni, jew il-persuna awtorizzata għal dan il-għan, jista', fuq talba mressqa qabel din id-data, jawtorizza ż-żamma taċ-ċittadinanza."

8 Iċ-cirkulæreskrivelse nr. 10873 om naturalisation (iċ-Ċirkulari dwar in-Naturalizzazzjoni Nru 10873), tat-13 ta' Ottubru 2015, fil-verżjoni applikabbli tagħha għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem iċ-"Ċirkulari dwar in-Naturalizzazzjoni"), l-ex ċittadini Daniżi li tilfu ċ-ċittadinanza Daniża tagħhom skont l-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza għandhom, bħala regola, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali ta' ksib taċ-ċittadinanza Daniża mitluba mil-liġi sabiex ikunu jistgħu jirkupraw mill-ġdid din iċ-ċittadinanza. Skont l-Artikolu 5(1) ta' din iċ-ċirkulari, l-applikant għandu jkun jirrisjedi fit territorju nazzjonali fil-mument tat-talba għan-naturalizzazzjoni. Skont l-Artikolu 7 tal-imsemmija ċirkulari, l-applikant għandu jkollu residenza mhux interrotta ta' disa' snin fit-territorju tar-Renju tad-Danimarka.

9 9. Skont l-Artikolu 13 taċ-Ċirkulari dwar in-naturalizzazzjoni, moqri flimkien mal-punt 3 tal-Anness 1 tal-istess ċirkulari, ir-rekwiżiti ġenerali dwar ir-residenza jistgħu jkunu inqas stretti fir-rigward ta' persuni li qabel kellhom iċ-ċittadinanza Daniża jew li huma ta' oriġini Daniża.

### **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 X twieldet fil-5 ta' Ottubru 1992 fl-Istati Uniti tal-Amerika minn omm Daniża u minn missier Amerikan. Sa mit-twelid tagħha, hija kellha n-nazzjonalità Daniża u Amerikana. Hija għandha ħuha u oħtha li jgħixu fl-Istati Uniti, fejn wieħed minnhom huwa ta' nazzjonalità Daniża. Hija ma għandha l-ebda ġenitur, ħu jew oħt li jgħixu fid-Danimarka.

11 Fis-17 ta' Novembru 2014, jiġifieri wara li laħqet l-età ta' 22 sena, X ippreżentat quddiem il-Ministeru talba għaż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża tagħha.

12 Abbażi tal-informazzjoni li tinsab f'din it-talba, il-Ministeru qies li X kienet irrisjediet fid-Danimarka sa massimu ta' 44 ġimgħa qabel it-tnejn u għoxrin sena tagħha. X iddikjarat ukoll li hija baqgħet fid-Danimarka għal ħames ġimgħat wara t-22 sena tagħha u li, fl-2015, hija kienet tifforma parti mit-tim femminili Daniż tal-basket-ball. Barra minn hekk, X indikat li, fl-2005, hija kienet irrisjediet madwar tlieta sa erba' ġimgħat fi Franza.

13 Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2017, il-Ministeru informa lil X li hija kienet tilfet iċ-ċittadinanza Daniża fl-età ta' 22 sena, konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, u li ma kienx possibbli li tintuża d-deroga prevista fit-tieni sentenza tal-Artikolu 8(1) ta' din il-liġi, peress li t-talba tagħha għaż-żamma tan-nazzjonalità Daniża kienet tressqet wara l-età ta' 22-il sena.

14 Din id-deċiżjoni tindika, b'mod partikolari, li dan it-telf huwa ġġustifikat mill-fatt li X qatt ma rrisjediet fid-Danimarka u li hija lanqas ma rrisjediet hemmhekk f'kundizzjonijiet li jindikaw koeżjoni ma' dan l-Istat Membru, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, peress li r-residenza tagħha fit-territorju nazzjonali damet biss massimu ta' 44 ġimgħa qabel l-età ta' 22 sena.

15 Fid-9 ta' Frar 2018, X adixxiet l-Københavns byret (il-Qorti Muniċipali ta' Kopenħagen, id-Danimarka) b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2017 imsemmija fil-punt 13 ta' din is-sentenza u intiża sabiex tinkiseb "eżami mill-ġdid tal-kawża". Dan ir-rikors ġie rrinvijat, permezz ta' digriet tat-3 ta' April 2020, lill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka), li hija l-qorti tar-rinviju.

16 Insostenn tar-rikors tagħha quddiem din il-qorti, X issostni li, għalkemm iż-żamma ta' rabta effettiva u s-salvagwardja tar-relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà mal-Istat Membru inkwistjoni jaqgħu taħt għan leġittimu, it-telf awtomatiku u mingħajr eċċezzjoni taċ-ċittadinanza Daniża, previst fl-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar in-Nazzjonalità, madankollu ma huwiex proporzjonat fir-rigward ta' tali għan u għalhekk imur kontra l-Artikolu 20 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 7 tal-Karta.

17 Skont X, ir-regoli dwar it-telf taċ-ċittadinanza jistgħu jitqiesu li huma proporzjonati biss jekk, kif jirriżulta mis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2019:189), il-leġiżlazzjoni nazzjonali tawtorizza, b'mod parallel, aċċess partikolarment issemplifikat għall-irkupru taċ-ċittadinanza. Issa, tali aċċess ma huwiex previst mil-leġiżlazzjoni Daniża. Barra minn hekk, skont din il-leġiżlazzjoni, l-irkupru taċ-ċittadinanza ma jseħħx *ex tunc*.

18 Il-Ministeru jqis li l-evalwazzjoni tal-legalità u tal-proporzjonalità tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza fir-rigward tal-persuni li laħqu l-età ta' 22 sena fil-mument tat-talba għaż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni globali tal-iskema Daniża dwar it-telf u l-irkupru ta' din iċ-ċittadinanza. Il-leġiżlatur Daniż qies li l-persuni mwielda barra mill-pajjiż u li ma għexux fit-territorju tar-Renju tad-Danimarka jew li kienu residenti b'mod sinjifikattiv f'dan l-Istat Membru jitilfu progressivament ir-relazzjoni tagħhom ta' lealtà u ta' solidarjetà kif ukoll ir-rabta tagħhom mal-imsemmi Stat Membru, u li għalhekk huwa proporzjonat li ssir distinzjoni bejn is-sitwazzjoni legali tagħhom qabel u wara l-età ta' 22 sena. Il-proporzjonalità tat-telf *ipso jure* taċ-ċittadinanza Daniża għall-persuni li jkunu laħqu l-età ta' 22 sena għandha tiġi evalwata wkoll fid-dawl tar-regoli partikolarment klementi għaż-żamma taċ-ċittadinanza sa din l-età.

19 Barra minn hekk, il-Ministeru jikkunsidra li l-legalità u l-proporzjonalità tar-regoli nazzjonali dwar it-telf taċ-ċittadinanza Daniża huma attestati mill-fatt li jista' jiġi deċiż li din iċ-ċittadinanza tinżamm, abbażi ta' evalwazzjoni każ b'każ, imwettqa wara talba għaż-żamma tal-imsemmija ċittadinanza, imressqa f'data kemm jista' jkun qrib dik li fiha l-persuna kkonċernata tilħaq l-età ta' 22 sena, fejn din l-aħħar data hija dik imsemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza.

20 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tiddeskrivi qabelxejn il-prassi amministrattiva tal-Ministeru f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza. Minn naħa, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' "koeżjoni mad-Danimarka", fis-sens tal-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, issir distinzjoni bejn is-sitwazzjonijiet li fihom it-tul tar-residenza tal-persuna kkonċernata fid-Danimarka kien inqas jew iktar minn sena qabel l-età ta' 22 sena. Għalkemm it-tul ta' din ir-residenza kien ta' mill-inqas sena, l-awtoritajiet nazzjonali jirrikonoxxu li teżisti koeżjoni suffiċjenti mar-Renju tad-Danimarka sabiex tiġi ġġustifikata ż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża. Min-naħa l-oħra, fis-sitwazzjoni kuntrarja, ir-rekwiżiti relatati ma' din il-koeżjoni jkunu iktar stretti, fis-sens li l-persuna kkonċernata jkollha tistabbilixxi li s-soġġorni iqsar huma madankollu l-espressjoni ta' "koeżjoni partikolari mad-Danimarka".

21 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi awtorizzata ż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, l-enfasi hija fuq sensiela ta' elementi oħra, bħat-tul totali tar-residenza tal-applikant fit-territorju tar-Renju tad-Danimarka, in-numru ta' residenzi f'dan l-Istat Membru, il-fatt li s-soġġorni saru ftit qabel l-età ta' 22-il sena jew li jmorru lura għal diversi snin qabel kif ukoll il-fatt li l-applikant normalment jitkellem b'mod fluwenti d-Daniż u, barra minn hekk, għandu rabta mal-imsemmi Stat Membru, pereżempju minħabba kuntatti ma' ġenituri Daniżi jew relazzjonijiet ma' assoċjazzjonijiet Daniżi jew oħrajn.

22 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tindika li, wara l-għoti tas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2019:189), il-fehim tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza ġie ċċarat. Issa huwa stabbilit li l-Ministeru għandu, fil-każ ta' talba għaż-żamma taċ-Ċittadinanza Daniża mressqa qabel l-età ta' 22 sena, jieħu inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' elementi addizzjonali sabiex iwettaq eżami individwali tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, tat-telf ta' din iċ-ċittadinanza u, għaldaqstant, taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Ministeru huwa obbligat jevalwa jekk il-konsegwenzi tat-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni humiex proporzjonati mal-għan li fuqu huwa bbażat it-telf tal-imsemmija ċittadinanza, jiġifieri li tiġi żgurata l-eżistenza ta' rabta effettiva mar-Renju tad-Danimarka.

23 Skont il-qorti tar-rinviju, fid-dawl tas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2019:189), jeżisti dubju dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 20 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 7 tal-Karta, tat-telf taċ-ċittadinanza Daniża u, jekk ikun il-każ, taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, tintervjeni, *ipso jure* u mingħajr eċċezzjoni, fl-età ta' 22 sena, fid-dawl ukoll tal-aċċess diffiċli għall-irkupru ta' din iċ-ċittadinanza permezz tan-naturalizzazzjoni wara din l-età. Din il-qorti tindika, f'dan ir-rigward, li, f'każ ta' telf tal-imsemmija ċittadinanza, l-ex ċittadini Daniżi għandhom, bħala prinċipju, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali ta' naturalizzazzjoni, anki jekk jista' jingħata ċertu flessibbiltà ta' dawn il-kundizzjonijiet fir-rigward tat-tul tar-residenza fid-Danimarka.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 20 TFUE, flimkien mal-Artikolu 7 tal-[Karta], jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi, bħala prinċipju, li ċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat Membru tintilef *ex lege* meta tintlaħaq l-età ta' 22 sena fil-każ ta' persuni li jkunu twieldu barra minn dak l-Istat Membru u li qatt ma jkunu għexu f'dak l-Istat Membru u lanqas ma jkunu rrisjedew hemmhekk f'ċirkustanzi li jindikaw rabta mill-qrib ma' dak l-Istat Membru, bil-konsegwenza li l-persuni li wkoll ma jkollhomx ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor jiċċaħħdu mill-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni u mid-drittijiet marbuta ma' dak l-istatus, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżulta li:

(a) tiġi preżunta rabta mill-qrib mal-Istat Membru, b'mod partikolari, wara total ta' sena residenza f'dak l-Istat Membru,

(b) jekk talba sabiex tinżamm iċ-ċittadinanza tiġi ssottomessa qabel ma tintlaħaq l-età ta' 22 sena, tista' tinkiseb awtorizzazzjoni sabiex tinżamm iċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat Membru taħt kundizzjonijiet inqas stretti u għal dan il-għan l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw il-konsegwenzi tat-telf taċ-ċittadinanza, u

(c) ċittadinanza mitlufa tista' tiġi rkuprata meta tintlaħaq l-età ta' 22 sena biss permezz ta' naturalizzazzjoni, li fir-rigward tagħha hemm marbuta numru ta' kundizzjonijiet, inkluż dik ta' residenza [mhux] interrotta fl-Istat Membru ta' perijodu twil, għalkemm il-perijodu ta' residenza jista' sa ċertu punt ikun iqsar għal persuni li qabel kienu ċittadini ta' dak l-Istat Membru?"

**Fuq id-domanda preliminari**

25 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li ċ-ċittadini tiegħu, imwielda barra mit-territorju tiegħu, li qatt ma rrisjedew hemmhekk u li ma rrisjedux hemmhekk f'kundizzjonijiet li juru rabta effettiva ma' dan l-Istat Membru, jitilfu *ipso iure* ċ-ċittadinanza tiegħu fl-età ta' 22 sena, dan iwassal, għall-persuni li ma humiex ukoll ċittadini ta' Stat Membru ieħor, għat-telf tal-istatus tagħhom ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta miegħu, iżda li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti, fil-każ ta' talba mressqa minn tali ċittadin fis-sena qabel ma jagħlaq it-22 sena għall-finijiet taż-żamma ta' din iċ-ċittadinanza, jeżaminaw il-proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf tagħha fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni u, jekk ikun il-każ, li jagħtu ż-żamma tal-imsemmija ċittadinanza.

26 Qabel kollox għandu jiġi rrilevat li l-Gvern Daniż stieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex tirrispondi għal din id-domanda, id-deċiżjoni ta' Edinburgh, li minnha jirriżulta li r-Renju tad-Danimarka, minn naħa, għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' akkwist u ta' telf taċ-ċittadinanza u, min-naħa l-oħra, jadotta pożizzjoni partikolari f'dak li jikkonċerna ċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, is-siltiet rilevanti ta' din id-deċiżjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni huma fformulati fl-istess termini bħal dawk li jinsabu fid-Dikjarazzjoni Nru 2.

27 Ċertament, id-deċiżjoni ta' Edinburgh u d-Dikjarazzjoni Nru 2, li kienu intiżi sabiex jiċċaraw il-kwistjoni tad-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirreferu għall-kunċett ta' "ċittadin", għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala strumenti ta' interpretazzjoni tat-Trattat UE, b'mod iktar partikolari sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 40).

28 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm id-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għall-kisba u għat-telf taċ-ċittadinanza taqa', skont id-dritt internazzjonali, taħt il-ġurisdizzjoni ta' kull Stat Membru, il-fatt li qasam jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri ma jipprekludix li, f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, ir-regoli nazzjonali kkonċernati għandhom josservaw dan tal-aħħar (sentenzi tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann, C-135/08, EU:C:2010:104, punti 39 u 41, kif ukoll tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et*, C-221/17, EU:C:2019:189, punt 30).

29 Issa, l-Artikolu 20 TFUE jagħti lil kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, li huwa intiż li jkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri (sentenza tat-18 ta' Jannar 2022, Wiener Landesregierung (Revoka ta' assigurazzjoni ta' naturalizzazzjoni), C-118/20, EU:C:2022:34, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Għaldaqstant, is-sitwazzjoni ta' ċittadini tal-Unjoni li, bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għandhom iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wieħed biss u li, minħabba t-telf ta' din iċ-ċittadinanza, jaffaċċjaw it-telf tal-istatus mogħti mill-Artikolu 20 TFUE kif ukoll tad-drittijiet marbuta miegħu, taqa', min-natura u mill-konsegwenzi tagħha stess, taħt id-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħhom fil-qasam tan-nazzjonalità, josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' proporzjonalità (sentenzi tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann, C-135/08, EU:C:2010:104, punti 42 u 45; tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et*, C-221/17, EU:C:2019:189, punt 32, kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2022, Wiener Landesregierung (Revoka ta' assigurazzjoni ta' naturalizzazzjoni), C-118/20, EU:C:2022:34, punt 51).

31 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huwa leġittimu għal Stat Membru li jkun irid jipproteġi r-relazzjoni partikolari ta' solidarjetà u ta' lealtà bejnu u bejn iċ-ċittadini tiegħu kif ukoll ir-reċiproċità tad-drittijiet u tad-dmirijiet, li huma l-bażi tar-rabta ta' nazzjonalità (sentenzi tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann, C-135/08, EU:C:2010:104, punt 51; tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et*, C-221/17, EU:C:2019:189, punt 33, kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2022, Wiener Landesregierung (Revoka ta' assigurazzjoni ta' naturalizzazzjoni), C-118/20, EU:C:2022:34, punt 52).

32 Fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tiegħu li tippermettilu jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-kisba u għat-telf taċ-ċittadinanza, huwa wkoll leġittimu għal Stat Membru li jqis li ċ-ċittadinanza tirrifletti l-manifestazzjoni ta' rabta effettiva ma' dan l-Istat Membru, u li jorbot konsegwentement l-assenza jew it-tmiem ta' tali rabta effettiva mat-telf taċ-ċittadinanza tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2019:189, punt 35).

33 F'dan il-każ, konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, iċ-ċittadini Daniżi mwielda barra mill-pajjiż, li qatt ma għexu fid-Danimarka u li lanqas ma għexu hemmhekk f'kundizzjonijiet li jindikaw rabta ta' konnessjoni effettiva ma' dan tal-aħħar, jitilfu, *ipso jure*, iċ-ċittadinanza Daniża fl-età ta' 22 sena, sakemm ma jsirux persuni mingħajr stat.

34 Skont il-qorti tar-rinviju, mix-xogħol preparatorju tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza jirriżulta li l-Artikolu 8 tagħha għandu l-għan li jipprekludi t-trażmissjoni taċ-ċittadinanza Daniża minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni lil persuni stabbiliti barra mill-pajjiż li ma għandhom ebda għarfien tar-Renju tad-Danimarka u lanqas ebda rabta ma' dan il-pajjiż.

35 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li d-dritt tal-Unjoni la jipprekludi li Stat Membru jipprevedi li l-evalwazzjoni tal-eżistenza jew tal-assenza ta' rabta effettiva miegħu tkun ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kriterji, bħal dawk li jinsabu fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, ibbażati fuq il-post tat-twelid u ta' residenza tal-persuna kkonċernata u fuq il-kundizzjonijiet ta' residenza tagħha fit-territorju nazzjonali, u lanqas li dan l-Istat Membru jillimita din l-evalwazzjoni għall-perijodu sal-jum li fih din il-persuna tkun laħqet l-età ta' 22 sena.

36 Ma hemmx lok, għall-finijiet ta' din il-kawża, li tiġi eżaminata l-leġittimità ta' tali kriterji sa fejn, għall-finijiet tal-imsemmija evalwazzjoni, dawn ma jagħmlux distinzjoni bejn it-twelid u r-residenza jew is-soġġorn tal-persuna kkonċernata fi Stat Membru u t-twelid u r-residenza jew is-soġġorn ta' din il-persuna f'pajjiż terz. Fil-fatt, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, X, f'dan il-każ, ma semmiet ebda element ta' natura li jistabbilixxi li hija kienet irrisjediet jew irrisjediet, bl-eċċezzjoni ta' xi ġimgħat, fi Stat Membru qabel ma għalqet 22 sena.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala prinċipju, li, f'sitwazzjonijiet bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, Stat Membru jipprevedi, għal raġunijiet ta' interess ġenerali, it-telf taċ-ċittadinanza tiegħu, anki jekk dan it-telf iwassal, għall-persuna kkonċernata, għal dak tal-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni.

38 Madankollu, fid-dawl tal-importanza li d-dritt primarju tal-Unjoni jagħti lill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni li, kif tfakkar fil-punt 29 ta' din is-sentenza, jikkostitwixxi l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri, huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk it-telf taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru kkonċernat, meta dan iwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet li jirriżultaw minnu, josservax il-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-konsegwenzi tiegħu fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata u, jekk ikun il-każ, fuq dik tal-membri tal-familja tiegħu, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann, C-135/08, EU:C:2010:104, punti 55 u 56, kif ukoll tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et*, C-221/17, EU:C:2019:189, punt 40).

39 It-telf *ipso jure* taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità jekk ir-regoli nazzjonali rilevanti ma kinux jippermettu, fl-ebda mument, eżami individwali tal-konsegwenzi li dan it-telf jinvolvi għall-persuni kkonċernati fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et*, C-221/17, EU:C:2019:189, punt 41)

40 Minn dan isegwi li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha t-telf taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jintervjeni *ipso jure* f'età partikolari u jwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kompetenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jeżaminaw il-konsegwenzi ta' dan it-telf ta' ċittadinanza u, jekk ikun il-każ, li jippermettu lil din il-persuna żżomm iċ-ċittadinanza tagħha jew tirkupra *ex tunc* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2019:189, punt 42).

41 F'dan ir-rigward, id-dritt tal-Unjoni ma jimponi ebda terminu preċiż għat-tressiq ta' talba intiża għal tali eżami. Għalhekk, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ drittijiet marbuta maċ-ċittadinanza tal-Unjoni,

sakemm, b'mod partikolari, dawn il-modalitajiet josservaw il-prinċipju ta' effettività sa fejn ma jirrendux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral, 33/76, EU:C:1976:188, punt 5, kif ukoll tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punt 46).

42 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-iffissar ta' termini ta' dekadenza raġonevoli fl-interess taċ-ċertezza legali. Fil-fatt, tali termini ma humiex ta' natura li jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenzi tat-12 ta' Frar 2008, Kempter, C-2/06, EU:C:2008:78, punt 58, kif ukoll tad-9 ta' Settembru 2020, Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Kummissarju Ġenerali għar-Refuġjati u l-Persuni Mingħajr Stat) (Ċaħda ta' applikazzjoni sussegwenti - Terminu għall-preżentata ta' rikors), C-651/19, EU:C:2020:681, punt 53).

43 Minn dan isegwi li l-Istati Membri jistgħu jeżiġu, f'isem il-prinċipju ta' ċertezza legali, li titressaq talba għaż-żamma jew għall-irkupru taċ-ċittadinanza quddiem l-awtoritajiet kompetenti fil-limiti ta' terminu raġonevoli.

44 F'dan il-każ, it-tieni sentenza tal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tipprevedi l-possibbiltà li tintalab iż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża qabel ma l-persuna kkonċernata tkun laħqet l-età ta' 22 sena. F'dan ir-rigward, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-Ministeru jiddistingwi żewġ każijiet, skont jekk, fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni, ir-rikorrent għandux inqas minn 21 sena jew għandux bejn 21 snin u 22 sena.

45 Fl-ewwel każ, il-Ministeru sempliċement joħroġ lill-applikant ċertifikat ta' ċittadinanza mingħajr ma jiddeċiedi dwar iż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża wara li jkun laħaq l-età ta' 22 sena. Il-Qorti tar-rinviju tindika li tali sitwazzjoni hija spjegata mir-rieda tal-amministrazzjoni li l-evalwazzjoni tat-talbiet għaż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża ssir fl-iktar mument qrib possibbli tad-data li fiha l-applikant jilħaq l-età ta' 22 sena.

46 Huwa biss fit-tieni każ, meta t-talba għaż-żamma taċ-ċittadinanza Daniża titressaq minn applikant bejn il-wieħed u għoxrin sena u t-tnejn u għoxrin sena tiegħu, li, kif jirriżulta mill-elementi li jinsabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Ministeru jagħmel, sa mis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et* (C-221/17, EU:C:2019:189), eżami individwali tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, tat-telf taċ-ċittadinanza Daniża u, għaldaqstant, tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Ministeru huwa obbligat jevalwa jekk dawn il-konsegwenzi humiex proporzjonati mal-għan imfittex mill-Artikolu 8 tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza li tiġi żgurata l-eżistenza ta' rabta effettiva bejn iċ-ċittadini Daniżi u r-Renju tad-Danimarka.

47 Madankollu, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, skont l-indikazzjonijiet li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, dan it-terminu ta' sena, inkluż bejn il-wieħed u għoxrin u t-tnejn u għoxrin sena tal-persuna kkonċernata, jiddekorri minkejja li din il-persuna ma tkunx ġiet debitament informata mill-awtoritajiet kompetenti bil-fatt li hija esposta għat-telf imminenti u *ipso jure* taċ-ċittadinanza Daniża, u li hija għandha d-dritt li titlob, fl-imsemmi terminu, iż-żamma ta' din iċ-ċittadinanza.

48 Issa, fid-dawl tal-konsegwenzi serji kkawżati mit-telf taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, meta dan iwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet li ċ-ċittadin tal-Unjoni jislet mill-Artikolu 20 TFUE, ma jistgħux jitqiesu li huma konformi mal-prinċipju ta'

effettività tar-regoli jew tal-prattiki nazzjonali li jista' jkollhom l-effett li jipprekludu lill-persuna esposta għal dan it-telf ta' ċittadinanza milli titlob li tiġi eżaminata n-natura proporzjonata tal-konsegwenzi tal-imsemmi telf fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, u dan minħabba li t-terminu sabiex jintalab dan l-eżami jkun skada, f'sitwazzjoni li fiha din il-persuna ma tkunx ġiet debitament informata bid-dritt li titlob tali eżami kif ukoll bit-terminu li fih hija kellha tressaq tali talba.

49 Fit-tieni lok, it-terminu ta' sena msemmi fil-punt 47 ta' din is-sentenza jintemm fid-data ta' għeluq it-tnejn u għoxrin sena tal-persuna kkonċernata, jiġifieri fid-data li fiha, konformement mal-leġiżlazzjoni Daniża, għandhom jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li jippermettu lil din il-persuna turi rabta ta' konnessjoni suffiċjenti mar-Renju tad-Danimarka għall-finijiet taż-żamma taċ-ċittadinanza tagħha. L-imsemmija persuna għandha għalhekk tkun f'pożizzjoni li tinvoka, fil-kuntest tal-eżami li l-awtorità kompetenti għandha twettaq tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf taċ-ċittadinanza Daniża fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, l-elementi rilevanti kollha li setgħu seħħew sa għeluq it-tnejn u għoxrin sena tagħha. Minn dan jirriżulta neċessarjament li għandha tiġi organizzata l-possibbiltà għal din l-istess persuna li tippreżenta tali elementi wara għeluq dawn it-tnejn u għoxrin sena.

50 Minn dan isegwi li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha l-effett li ttellef *ipso iure* lill-persuna kkonċernata ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru kkonċernat u, konsegwentement, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni fid-data li fiha hija tilħaq l-età ta' 22 sena, din il-persuna għandu jkollha terminu raġonevoli sabiex tressaq talba intiża sabiex tikseb mill-awtoritajiet kompetenti eżami tal-proporzjonalità tal-konsegwenzi ta' dan it-telf kif ukoll, jekk ikun il-każ, iż-żamma jew l-irkupru *ex tunc* ta' din iċ-ċittadinanza. Dan it-terminu għandu għalhekk jiġi estiż, għal tul raġonevoli, lil hinn mid-data li fiha l-imsemmija persuna tilħaq din l-età.

51 Sabiex jiġi permess l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet li ċ-ċittadin tal-Unjoni jislet mill-Artikolu 20 TFUE, dan it-terminu raġonevoli sabiex titressaq tali talba jista' jiddekorri biss sa fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu debitament informaw lill-persuna kkonċernata bit-telf taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru inkwistjoni jew bit-telf imminenti u *ipso jure* tagħha kif ukoll bid-dritt ta' din il-persuna li titlob, fl-imsemmi terminu, iż-żamma jew l-irkupru *ex tunc* ta' din iċ-ċittadinanza.

52 Fin-nuqqas ta' dan, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 40 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kompetenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jeżaminaw, b'mod inċidentali, il-proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf ta' ċittadinanza u, jekk ikun il-każ, li jirkupraw *ex tunc* iċ-ċittadinanza tal-persuna kkonċernata, fl-okkażjoni tat-talba, minnha, ta' dokument tal-ivvjaġġar jew ta' kull dokument ieħor li jiċċertifika n-nazzjonalità tagħha, anki jekk tali applikazzjoni tkun tressqet lil hinn minn terminu raġonevoli fis-sens ippreċiżat fil-punt 50 ta' din is-sentenza.

53 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq tali eżami jew, jekk ikun il-każ, tiżgura li dan jitwettaq mill-awtoritajiet kompetenti b'risposta għat-talba msemmija fil-punt 11 ta' din is-sentenza.

54 Dan l-eżami għandu jinkludi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata, kif ukoll dik tal-familja tagħha, sabiex jiġi ddeterminat jekk it-telf taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru kkonċernat, meta din tinvolvi dik tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, għandux konsegwenzi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat, meta mqabbla mal-għan imfittex mil-leġiżlatur nazzjonali,

l-iżvilupp normali tal-ħajja tal-familja u professjonali tagħha, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni. Tali konsegwenzi ma jistgħux ikunu ipotetiċi jew eventwali (sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et*, C-221/17, EU:C:2019:189, punt 44).

55 Fil-kuntest ta' dan l-eżami ta' proporzjonalità, huma, b'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, jekk ikun il-każ, il-qrati nazzjonali li għandhom jiżguraw li tali telf ta' ċittadinanza jkun konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom u, b'mod partikolari, mad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta. Dan l-artikolu għandu jinqara, jekk ikun il-każ, flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-wild, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Marzu 2019, Tjebbes *et*, C-221/17, EU:C:2019:189, punt 45, kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2022, Wiener Landesregierung (Revoka ta' assigurazzjoni ta' naturalizzazzjoni), C-118/20, EU:C:2022:34, punt 61).

56 Fir-rigward tad-data rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, f'dan il-każ, mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' tali eżami, din id-data tikkorrispondi neċessarjament għall-jum li fih il-persuna kkonċernata tkun laħqet l-età ta' 22 sena, peress li, konformement mal-Artikolu 8(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, l-imsemmija data tagħmel parti integrali mill-kriterji leġittimi li dan l-Istat Membru stabbilixxa, u li minnhom tiddependi ż-żamma jew it-telf taċ-ċittadinanza tagħha.

57 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-possibbiltà, invokata mill-qorti tar-rinviju u mill-Gvern Daniż, offruta lill-ex ċittadini Daniżi li tilfu ċ-ċittadinanza Daniża u, minħabba f'hekk, l-istatus tagħhom ta' ċittadin tal-Unjoni, li jirkupraw din tal-aħħar permezz ta' naturalizzazzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet, fosthom dik li għexu b'mod mhux interrott fid-Danimarka għal żmien twil li, madankollu, jista' jkun xi ftit imnaqqas, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-assenza ta' possibbiltà offruta mid-dritt nazzjonali, f'kundizzjonijiet konformi mad-dritt tal-Unjoni kif interpretat fil-punti 40 u 43 ta' din is-sentenza, li jiksbu, mill-awtoritajiet nazzjonali u, eventwalment, mill-qrati nazzjonali, eżami dwar in-natura proporzjonata tal-konsegwenzi tat-telf taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni u li jista' jwassal, jekk ikun il-każ, għall-irkupru *ex tunc* ta' din in-nazzjonalità, ma jistax jiġi kkumpensat mill-possibbiltà ta' naturalizzazzjoni, irrispettivament mill-kundizzjonijiet, eventwalment favorevoli, li fihom din tista' tinkiseb.

58 Fil-fatt, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 93 u 94 tal-konklużjonijiet tiegħu, li jiġi aċċettat li jkun mod ieħor ikun ifisser li jiġi aċċettat li persuna tista' tiġi mċaħħda, anki għal perijodu limitat, mill-possibbiltà li tgawdi mid-drittijiet kollha mogħtija lilha mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, mingħajr ma l-istabbiliment mill-ġdid ta' dawn id-drittijiet ikun possibbli għall-imsemmi perijodu.

59 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li ċ-ċittadini tiegħu, imwielda barra mit-territorju tiegħu, li qatt ma rrisjedew hemmhekk u li ma rrisjedux hemmhekk f'kundizzjonijiet li juru rabta effettiva ma' dan l-Istat Membru, jitilfu *ipso jure* ċ-ċittadinanza tagħhom fl-età ta' 22 sena, li jwassal, għall-persuni li ma humiex ukoll ċittadini ta' Stat Membru ieħor, għat-telf tal-istatus tagħhom ta' ċittadin tal-Unjoni u tad-drittijiet marbuta miegħu, sakemm tiġi offruta l-possibbiltà, lill-persuni kkonċernati, li jressqu, fil-limiti ta' terminu raġonevoli, talba għaż-żamma jew għall-irkupru taċ-ċittadinanza, li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jeżaminaw il-proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf ta' din iċ-ċittadinanza fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u, jekk ikun il-każ, li jagħtu ż-żamma jew l-irkupru *ex tunc* tal-imsemmija

ċittadinanza. Tali terminu għandu jiġi estiż, għal tul raġonevoli, lil hinn mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tilħaq din l-età u ma jistax jibda jiddekorri ħlief jekk dawn l-awtoritajiet ikunu debitament informaw lil din il-persuna bit-telf taċ-ċittadinanza tagħha jew bl-imminenza tagħha, kif ukoll bid-dritt tagħha li titlob, f'dan it-terminu, iż-żamma jew l-irkupru ta' din iċ-ċittadinanza. Fin-nuqqas ta' dan, l-imsemmija awtoritajiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwettqu tali eżami, b'mod inċidentali, fl-okkażjoni ta' applikazzjoni, mill-persuna kkonċernata, ta' dokument tal-ivvjaġġar jew ta' kull dokument ieħor li juri ċ-ċittadinanza tagħha.

## Fuq l-ispejjeż

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li ċ-ċittadini tiegħu, imwielda barra mit-territorju tiegħu, li qatt ma rrisjedew hemmhekk u li ma rrisjedux hemmhekk f'kundizzjonijiet li juru rabta effettiva ma' dan l-Istat Membru, jitilfu *ipso jure* ċ-ċittadinanza tiegħu fl-età ta' 22 sena, li jwassal, għall-persuni li ma humiex ukoll ċittadini ta' Stat Membru ieħor, għat-telf tal-istatus tagħhom ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea u tad-drittijiet marbuta miegħu, sakemm tiġi offruta l-possibbiltà, lill-persuni kkonċernati, li jressqu, fil-limiti ta' terminu raġonevoli, talba għaż-żamma jew għall-irkupru taċ-ċittadinanza, li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jeżaminaw il-proporzjonalità tal-konsegwenzi tat-telf ta' din iċ-ċittadinanza fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u, jekk ikun il-każ, li jagħtu ż-żamma jew l-irkupru *ex tunc* tal-imsemmija ċittadinanza. Tali terminu għandu jiġi estiż, għal tul raġonevoli, lil hinn mid-data li fiha l-persuna kkonċernata tilħaq din l-età u ma jistax jibda jiddekorri ħlief jekk dawn l-awtoritajiet ikunu debitament informaw lil din il-persuna bit-telf taċ-ċittadinanza tagħha jew bl-imminenza tagħha, kif ukoll bid-dritt tagħha li titlob, f'dan it-terminu, iż-żamma jew l-irkupru ta' din iċ-ċittadinanza. Fin-nuqqas ta' dan, l-imsemmija awtoritajiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jwettqu tali eżami, b'mod inċidentali, fl-okkażjoni ta' applikazzjoni, mill-persuna kkonċernata, ta' dokument tal-ivvjaġġar jew ta' kull dokument ieħor li juri ċ-ċittadinanza tagħha.**

Firem